**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 231/2018 CFF**

**Princess Holdings Limited**
**Vs**
**Violeta Cvetkovic**

**Illum 26 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' ghaxart elef erba' mija u hamsin ewro (€10,450.00) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont hu rapprezentanti hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura targata KQZ 573 u dan skont il-Hire and Purchase Agreement datat l-14 ta' April, 2018 bejn il-partijiet (hawn annessi).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluz tal-mandat ta' sekwestru datat 11 t'Ottubru, 2018 li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi din il-kawza nbdiet quddiem il-Magistrat Dr. Simone Grech u b'digriet tal-Prim Imhallef datat 1 ta' Jannar, 2020 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li l-konvenuta giet notifikata fit-28 ta' Frar, 2019 pero' la dehret u lanqasipprezentat risposta fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2020.

Rat li s-seduta sussegwenti tal-24 ta' Marzu, 2020 ma setghetx issir minhabba l-Ordni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika bis-sahha ta' l-Avviz Legali 65 tas-sena 2020 u l-Avviz Legali 61 tas-sena 2020 gew sospizi t-termini legali u gudizzjarji inkluz z-zminijiet perentorji applikabbli ghall-procedimenti jew proceduri ohra quddiem il-Qorti, liema sospensjoni ghandha ddum sa sebat (7) ijiem wara li tigi (eventwalment) revokata l-Ordni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika.

Rat li fis-seduta datata 26 ta' Gunju, 2020 il-konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u gie kkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant Luke Milton fis-seduta fl-istess data li dan il-kreditu ghadu dovut.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u hamsin ewro (€10,450.00), bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**